KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 15/7/194/16

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 15 tas-Sebgħa Leġislatura tal-Kunsill Lokali Paola**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-**Tlieta 3 ta' Mejju 2016**. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

**Preżenti:** Dominic Grima-*Sindku*
Steven Axisa-*Viċi Sindku*
Roderick Spiteri-*Kunsillier*
Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*
Nicholas Seychell- *Kunsillier*
Tyrone Muscat- *Kunsillier*
Ivan Bartolo- *Kunsillier*

Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv*
Neil J. Tirchett-*L-ambaxxatur taż-żgħażagħ*

**Skużati:** -

**Assenti:** -

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti nr.14 ġew approvati *nem com.*

2. **Punti mqajma mill-Minuti**

2.1. Dwar punt 4.3 il-Kunsillier Spiteri xtaq jitlob kjarifika dwar kif ħarġet fil-pubbliku il-proposta li tissemma triq għat-tabib Karl Chircop. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi ix-xogħol dwar din il-materja għadu għaddej u però sfortunatament kien hemm minn ħareġ l-informazzjoni qabel ma verament tkun approvata din it-talba.

2.2. Dwar punt 4.1 il-Kunsillier Spiteri xtaq jgħid li mill-ewwel filmati li ħarġu tal-Kalendarju Kulturali tal-Kunsill ix-xogħol jidher li ser ikun tajjeb ħafna.

*Il-Kunsilliera Tyrone Muscat u Ivan Bartolo daħlu issa.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra mingħand it-TCTC sabiex isir kors tal-kompjuter għat-tfal fis-sajf għall-prezz ta' €1,165. Il-membri approvaw però talbu li jkun hemm informazzjoni dwar kemm tfal minn Paola attendew dan il-kors.

3.2. Ittra mingħand *Skyline Webcams* bil-prezzijiet tal-kameras sabiex issa nipproċedu biex issir l-installazzjoni ta' dawn il-kameras. Il-membri qablu li issir kamera waħda u jekk ikun hemm ħtieġa inżidu kamera oħra.

3.3. Ittra mingħand Transport Malta fejn qed jitolbu l-Kunsill jirranġa il-linji li saru fi Triq Cospicua sabiex il-*bus stop* ma tkunx fil-karreġġjata. Is-Sindku informa lil membri illi huwa għaddej b'diskussjoni ma' Transport Malta dwar dan fid-dawl li din is-sistema teżisti f'numru ta' postijiet oħra. Kompla billi qal li qed nistennew risposta m'għand Transport Malta. Il-Kunsillier Spiteri qal li jekk ineħħu din is-sistema nispiċċaw ineħħu l-bus stops kollha ta' Paola fid-dawl li ħafna minnhom la huma aċċessibbli u lanqas huma mal-bankina.

3.4. Żewġ ittri b'rabta ma' servizzi ta' website għal Kunsill Lokali Paola. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi fakkar li kienet twasslet offerta oħra fil-ġimgħat li għaddew u l-Kunsill kien qabel li jara x'hawn iktar fis-suq. Fid-dawl ta' dawn l-offerti l-membri qablu li l-Kunsill jagħżel l-ewwel offerta li kien irċieva ta' *i.com.*

3.5. Ittra dwar il-proġett AT FORT sabiex issir laqgħa ieħor f'Lulju biex jaraw il-ħsieb li dan il-proġett jitkompla. Is-Sindku qal li ser jiddiskuti dan f'aktar dettall mal-Konsulent tal-Kunsill dwar proġetti Ewropej. Il-Kunsillier Spiteri qal li jkun għaqli jekk nattendu għal din il-laqgħa.

3.6. Korrispondenza m'għand Transport Malta fejn qed japprovaw il-*one ways* proposti mill-Kunsill Lokali Paola. Il-membri qablu li dawn jiġu attwati. Il-Kunsillier Spiteri qal li għandna nibgħatu ittra lir-residenti u nkunu preparati għall-kritika però fl-aħħar mill-aħħar dan it-tibdil ser ikompli jgħin fil-passaġġ tat-traffiku u anke jitnaqqsu l-inċidenti.

3.7. Ittra mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-ambjent u l-ippjanar fejn qed jinforma lil Kunsill li l-appell li sar fid-dawl tal-permess nr PA 1822/12 ġie milqugħ.

## 4. **Approvazzjoni *tal-Audited Financial Statements***

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-*financial statements* kif anke awditjati u aġġustati mill-udituri tal-Gvern Lokali u għaldaqstant approvaw l-istess *statements*.

*Il-Kunsillier Ivan Bartoli telaq mil-laqgħa*

## 5. ***Ħatra ta' Kumitat għall-Offerti: Tenders 1/2016 u 2/2016***

5.1. Is-Sindku Dominic Grima qal li hemm bżonn jinħatar Kumitat għall-aġġudikazzjoni tal-offerti sabiex jiġġudika iż-żewġ offerti numru 1/2016 u numru 2/2016. Is-Sindku kompla billi qal li dawn huma tenders importanti ħafna u li nirċievu numru ta' ilmenti u suġġerimenti dwarhom. Għaldaqstant qal li hemm bżonn li jinħatar kumitat li janalizza sew dawn l-offerti.

5.2. Il-membri qablu li dan il-Bord għandu jkun magħmul mis-Sindku Dominic Grima, il-Viċi Sindku Steven Axisa, u l-Kunsilliera Nicholas Seychell u Tyrone Muscat.

## 6. **Tenders ġodda**

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn joħorġu dawn l-offerti/kwotazzjonijiet u l-membri approvaw:

*6.1.1. Tender for Footway Works for Paola Local Council.*
6.1.2. Kwotazzjoni-Servizzi ta' Accountant
6.1.3. Kwotazzjoni/Tender-*Air Conditioner* għas-Sala

## 7. **Impjieg Skema CIES**

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li saru l-interviews b'rabta mal-impjieg ta' persuna taħt l-iskema CIES kien qed jippreżenta ir-rapport tal-interviews li saru fejn l-istess rapport qed jipproponi li l-impjieg jingħata lis-Sinjura Doreen Fenech. Il-membri approvaw li jingħata l-impjieg lis-Sinjura Fenech. Is-Segretarju fakkar li l-paga marbuta ma' dan l-impjieg ser titħallas mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 8. Xandira tal-Festa

8.1. Is-Sindku Dominic Grima qal li ġie avviċinat min-numru ta' residenti u għaqdiet sabiex fid-dawl tal-festi speċjali li ser isiru din is-sena fil-festa ta' Kristu Re, naraw kif din is-sena il-festa tintwera fuq it-televiżjoni sabiex tkun tista' titgawda mill-morda u anke l-barranin. Is-Sindku qal li huwa avviċina stazzjoni lokali (one tv) u qed jipproponi li din l-inizjattiva issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Paola u l-għaqdiet tal-lokal. Is-Sindku kompla billi qal huwa kien ser javviċina xi entitajiet mil-lokalita sabiex jiffinanzjaw il-proġett filwaqt li l-Kunsill Lokali jagħmel tajjeb għall-bilanċ li jifdal li mhux ser ikun aktar mill-ammont permissibbli tad-direct order. Il-Kunsillier Muscat qal li ma jistax jaqbel li jintagħżel stazzjon bl-addoċċ. Is-Sindku irrisponda li jekk l-ammont li ser jintefaq m'huwiex iktar mid-direct order dan jista isir. Għaldaqstant il-kumplament tal-Kunsilliera approvaw din il-proposta tas-Sindku.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku xtaq jinforma lil membri li fid-dawl tas-suċċess li inkiseb mill-uffiċju tas-servizz.gov li qed jopera wkoll mill-Kunsill Lokali Paola, issa ser jiġi offrut ukoll servizz ta' ħlas tal-kontijiet tad-dawl.

9.2. Is-Sindku Dominic Grima ippropona lil membri illi l-ġnien magħruf bħala Ġnien Wied Blandun jiġi mogħti l-isem ta' Ġnien il-Perit Dom Mintoff. Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett is-Sindku talab vot fejn il-Kunsillier Tyrone Muscat qal li ma setgħa qatt jaqbel li ġnien bħal dak li huwa fi stat diżastruż jissemma għal Dom Mintoff u saħaq li din hija offiża għan-nies li joqogħdu madwar il-ġnien. Il-membri l-oħra approvaw.

9.2.1. Il-Viċi Sindku Steven Axisa xtaq iżid li kien ikun tajjeb ukoll li dan il-ġnien jissemma għat-Tabib Vincent Moran però fid-dawl li it-Tabib Moran għadu mimli bl-għomor jaħseb li jkun għaqli li jissemma għal Perit Dom Mintoff.

9.2.2. Fid-dawl ta' din id-diskussjoni il-Kunsillier Spiteri qal li jkun xieraq issa li naraw kif isir eżerċizzju sabiex naraw il-finanzi tal-Kunsill sabiex naraw il-possibilità li dan il-ġnien jitranġa anke fid-dawl tal-€50,000 li kienu mwiegħda lilna fil-leġislatura preċedenti. Il-membri qablu.

*Il-Kunsillier Muscat telaq mil-laqgħa*

9.3. Is-Sindku ippropona li issir il-Laqgħa tal-Lokalita f'Ġunju. Id-data tkun ikkomunikata aktar il-quddiem. Il-membri approvaw.

## 10. Approvazzjoni tal-Skeda tal-Pagamenti

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 12 għas-somma ta' €56,582.33

## 11. Aġġornament

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:45pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2016.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri<br>Segretarju Eżekuttiv | Dominic Grima<br>Sindku |

**Data**: 8 ta' Ġunju 2016